KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 329**

**It-Tnejn 19 ta' Diċembru, 2016**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sebgħa ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

L-Avukat Karol Aquilina – Sindku
L-Avukat Alessia Psaila Zammit – Viċi Sindku
Il-Perit Julian Borg – Kunsillier
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea – Segretarju Eżekuttiv

Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi – 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi SĠW 1073
t +356 2146 6000 f +356 2146 2946
e siggiewi.lc@gov.mt w www.siggiewi.gov.mt KLSiggiewi

**Minuti**
Is-Sindku Dr Karol Aquilina ppresjeda l-laqgħa.

**329.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

329.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Clayton Cutajar u Dominic Grech. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

**329.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

329.2.1 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-laqgħa numru 328 jkunu approvati. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**329.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

329.3.1 Is-Sindku qal li rċieva komunikazzjoni mingħand persuna li t-tifla tiegħu weġġħat waqt li kienet qed tilgħab fuq bandla f'Nalizpelra Playground. Is-Sindku qal li l-Kunsill ħa azzjoni minnufih u qabbad lill-Perit tal-Kunsill u lill-kuntrattur responsabbli biex jispezzjonaw l-banda u jħejju rapport dwar is-sigurtà tagħha. Dan ir-rapport ġie preżentat lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Ir-rapport jikkonkludi li l-bandli huma skond in-normi stabbiliti u ma huma ta' l-ebda periklu għal min jużhom tajjeb.

329.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill li għaddej proġett pilota mill-Gvern Ċentrali mar-Reġjun Nofsinhar li s-Siġġiewi jagħmel parti minnu, bil-għan li persuni mill-pubbliku juru l-interess tagħhom biex ikunu osservaturi waqt il-proċess tal-għoti ta' kuntratti mill-Kunsill Lokali. Il-persuni interessati li jkunu osservaturi qed jingħataw ċans biex japplikaw sal-aħħar ta' Diċembru 2016.

329.3.3 Is-Sindku ta rendikont taż-żjara li saret f'Bari u Squinzano flimkien ma' numru ta' rappreżentanti minn għaqdiet Siġġiwin u ma' Mons. Paul C. Vella f'isem il-Parroċċa tas-Siġġiewi. Hu qal li saru taħdidiet b'rabta ma' proġett b'fondi mill-Unjoni Ewropea biex tinħoloq rotta ta' San Nikola mir-Russja sal-Greċja. Din ir-rotta tkun tinvolvi numru ta' mixjiet fis-Siġġiewi u l-madwar li jwasslu dejjem għal postijiet li għandhom rabta ma' San Nikola. Waqt din iż-żjara saru wkoll laqgħat mas-Sindku ta' Bari u wieħed milll-Assessuri tal-Comune di Bari dwar il-possibilità li jsir ġemellaġ bejn is-Siġġiewi u Bari. Saru wkoll Laqgħat mas-Sindku ta' Squinzano fejn intwera interess kbir ta' kollaborazzjoni bejn iż-żewġ Kunsilli. Is-Sindku spjega li l-pass li jmiss hu li jkun iffinalizzat f'aktar dettal il-proġett b'rabta mal-mixja filwaqt li se jissaħħu l-kuntatti mas-Sindki ta' Bari u ta' Squinzano biex jinstabu l-oqsma ta' kooperazzjoni u jkun analizzat x'jista' jsir b'mod aktar konkret.

329.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien ġie ppreżentat appell mid-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar li ma toħroġx il-permess għall-iżvilup ta' *shooting range* viċin il-Knisja ta' Ħal Xluq fis-Siġġiewi. Is-Sindku qal li kien ippreżenta talba lit-Tribunal biex il-Kunsill isegwi l-proċess tal-appell u f'dan is-sens kien tkellem ukoll mal-Perit Carmel Caccopardo sabiex jassisti lill-Kunsill f'din il-materja. Il-Viċi Sindku ssekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**329.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

329.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**329.5 Lista' t' Attivitajiet għas-sena 2017**

329.5.1 Is-Sindku ppropona li matul is-sena 2017 il-Kunsill jorganizza dawn l-attivitajiet:

1. Jum is-Siġġiewi li għandu jkun organizzat tul il-ġranet ta' qabel jew wara l-ewwel ta' Marzu;
2. Il-Mixgħela tas-Salib tal-Għolja u fi Pjazza San Nikola mill-Ħamis 13 ta' April sas-Sibt 15 ta' April 2017;
3. Festa Għeneb fis-Siġġiewi nhar il-Ħadd 27 ta' Awwissu 2017; u
4. Pjazza Milied fis-Siġġiewi nhar l-Erbgħa 13 ta' Diċembru 2017.

**329.6 Budget għas-sena 2017**

329.6.1 Is-Sindku informa li wara li saret il-Laqgħa tal-Lokalità huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ser iħejji abbozz ta' budget għas-sena 2017 biex jiġi diskuss u approvat waqt waħda mil-laqgħat li jmiss tal-Kunsill.

**329.7 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

329.7.1 Il-Kunsill qabel li għandha tissejjaħ laqgħa tal-forum tal-Għaqdiet lejn nofs Jannar.

329.7.2 Il-Kunsill qabel li minħabba l-problemi li qed jinħolqu fil-bandli Nalizpelra, kkawżati mill-*water feature* tal-istess post, ġie deċiż li dan l-ispazju jintuża billi tiżdied logħba oħra għat-tfal minflok il-*water feature*.

**329.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

329.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku ppropona li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill. Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondat. Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

329.8.2 Is-Sindku ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv, kif ukoll l-impjegati tal-Kunsill Lokali, jingħataw il-*performance bonus* għall-massimu li tippermetti l-liġi u r-regolamenti relatati. Il-Viċi Sindku ssekondat u l-Kunsill qabel unanimament.

**329.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

329.9.1 Il-laqgħa intemmet fid-8.15p.m. u s-Sindku ppropona li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 16 ta' Jannar 2016 fis-7.00 p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 16 ta' Jannar 2016.

L-Avukat Karol Aquilina
Sindku

Keith Galea
Segretarju Eżekuttiv